12 ta' Ottubru 1957.

Imħallfin: —

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Said** *versus* **Giuseppe Spiteri**

## Lokazzjoni — Appell — Valur — Kwistjoni ta' Dritt — Art. 226 tal-Proċedura Ċivili

*F'kawża fejn l-attur jitlob l-iżgumbrament tal-konvenut minħabba okkupazzjoni tal-fond bla titolu u l-konvenut jopponi t-titolu ta' lokazzjoni, allura, għall-fissazzjoni tal-valur, wieħed għandu jipproċedi skond il-valur lokatizju; u jekk dan jirriżulta li ma hux aktar minn £5, ma hemmx appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti bħala valur.*

*Bħala kwistjoni ta' dritt, mbgħad, jekk l-Ewwel Qorti tkun irrespingiet id-domanda għall-iżgumbrament, għax tkun irriteniet li si trattava ta' lokazzjoni, u mhux ta' okkupazzjoni mingħajr titolu, b'daqshekk biss ma jistgħax jingħad li kien hemm punt ta' dritt maqtugħ fis-sentenza, kif trid il-liġi biex dik is-sentenza tkun appellabbli fuq kwistjoni ta' dritt, avvolja inappellabbli bħala valur.*

*Kieku l-Ewwel Qorti tkun waslet għal dik il-konklużjoni tagħha attraverso xi aspett minnha diskuss ta' xi prinċipji legali, jew xi interpretazzjoni ta' xi dispożizzjoni tal-liġi, allura kien ikun jista' jingħad li hemm punt ta' dritt deċiż fis-sentenza; imma jekk il-Qorti t-Isfel tkun waslet għal dik il-konklużjoni unikament u esklużivament in bażi għall-apprezzament tal-provi, allura s-sentenza mhix appellabbli bħala kwistjoni ta' dritt; għax apprezzament ta' provi bis-semplici applikazzjoni tal-liġi għalihom ma hux kwistjoni legali.*

Il-Qorti; — Rat l-avviż preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, fejn l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat, mill-kumditajiet fl-ewwel pjan tad-dar nru. 39 Via Dingli, Ħal-Bajjada, Rabat, ġa detenuti in lokazzjoni minn Giovanni Sciclura, u li l-konvenut qiegħed jokkupa mingħajr titolu;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Lulju 1957, li biha t-talba ta' l-attur ġiet respinta, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat li mill-provi miġbura jirriżulta li l-konvenut qiegħed jiddetjeni l-kumditajiet in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell preżentata minn Giuseppe Said fil-11 ta' Lulju 1957;

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmi Said talab li dik is-sentenza tiġi revokata, bl-ispejjeż;

Omissis;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità sollevata (fol. 20) mill-konvenut appellat;

B'liġi (art. 226 Kap. 15 Ediz. Riv.), ma hemmx appell minn sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, meta l-valur tal-pretensjoni, stabbilit jew li jista' jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet tal-liġi, ma jkunx jiskorri £5, u l-kwistjoni tal-kawża ma tkunx dwar "punt ta' liġi deċiż fis-sentenza";

Kwantu għall-"valur", fil-każ preżenti l-attur qiegħed jitlob li jiżgombra l-konvenut mill-fond "de quo" minħabba okkupazzjoni bla titolu. Ġie deċiż (Kollez. Vol. XXXIII-I-209) li meta f'kawża l-attur ikun qiegħed iġib bħala kawżali l-okkupazzjoni ndebita, iżda l-konvenut ikun qiegħed jopponi t-titolu ta' lokazzjoni, allura, għall-finijiet tal-fissazzjoni tal-valur wieħed għandu jipproċedi skond il-valur lokatizju. Skond il-liġi, art. 757 Kap. 15, fit-teżi l-aktar favorevoli għall-attur, il-valur hu dak ta' sena kera, li fl-istess avviż hi dikjarata bħala ta' £5. Mela, bħala valur, ma hemmx appell; għax ma jiskorrix £5;

Kwantu għall-ipotesi l-oħra, tal-kwistjoni tal-liġi; hu veru li, biex l-Ewwel Qorti, irrespinġiet it-talba, ġiet għall-konklużjoni li si trattava ta' lokazzjoni, u mhux ta' okkupazzjoni bla titolu; imma b'daqshekk biss ma jistax jingħad li hemm punt ta' dritt maqtugħ fis-sentenza, kif trid il-liġi. Kieku l-Qorti t'Isfel waslet għal din il-konklużjoni tagħha attraverso xi aspett minnha diskuss ta' xi prinċipju legali jew xi interpretazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-liġi, allura kien ikun jista' jingħad li hemm punt ta' dritt deċiż fis-sentenza. Imma f'dan il-każ il-Qorti waslet għal dik il-konklużjoni, kif jidher "ex graemio" tas-sentenza stess, unikament u esklużivament in bażi għall-apprezzament tal-provi (infatti fl-uniku konsiderando qalet li mill-provi miġbura jirriżulta eċċ.), u apprezzament ta' provi bis-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għalihom ma hux kwistjoni legali (Kollez. Vol. XXX-I-928; u idem paġ. 936);

Għalhekk l-eċċezzjoni hi fondata, u l-appell jiġi dikjarat irritu u null, u bħala tali respint; bl-ispejjeż kontra l-appellant.